MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 408/2013

**Francis E. Sullivan Company Limited**
**(C – 353)**

**vs**

**M/V Trantafillos M, IMO numru 9428152 registrat taht il-bandiera Maltija**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat datat is-26 t'April, 2013, li permezz tieghu gie sintetikament espost is-segwenti:

1. Illi l-vapur fuq riferit ilu Malta mill-ahhar ta' Frar, 2013, ghat-tiswijiet;

2. Illi matul dan il-perjodu s-socjeta` rikorrenti ipprovdiet diversi provisti u provizjonijiet lill-ekwipagg;

3. Illi ta’ dan, is-socjeta` rikorrenti irrilaxxat diversi fatturi kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, komplessivament ammontanti ghal tnax –il elf, hames mija u disgha u sittin Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€12,569.65);

4. Illi peress li l-ispejjez fuq riferiti jaqghu fil-parametri ta’ l-artikolu 50 (g) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta, is-socjeta` rikorrenti tgawdi minn privilegg specjali fuq il-bastiment intimat;

5. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti baqa’ ma thallasx u kellha tigi ntavolata l-procedura odjerna;

6. Illi *di piu`*, l-bastiment intimat m’ghandu l-ebda risposta valida x’jipprezenta ghat-talbiet attrici;

7. Illi ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti fuq indikata aderiet din il-qorti biex il-bastiment intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

i. Taqta’ din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

ii. Tiddikjara li l-bastiment intimat fuq indikat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fuq riferita ghas-somma globali fuq indikata ghall-provvisti ghall-ekwipagg;

iii. Tikkundanna lill-istess bastiment intimat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq riferita ghar-ragunijiet fuq esposti;

Tissottolinea li l-bastiment gie debitament notifikat u baqa’ la ggustifika ghalfejn ma kellhomx jigu enforzati l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferiti u lanqas effettivament talab jaghmel hekk;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta` rikorrenti li kkonferma l-fatti fuq sintetikament esposti u rega' kkonferma li l-ammont globali dovut mill-bastiment intimat ghadu dovut lis-socjeta` rikorrenti ghall-provvisti lilu mghoddija;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-allegazzjonijiet li s-socjeta` rikorrenti tippostula hi kkonsenjat il-provvisti in dizamina lill-bastiment intimat fuq riferit huma debitament assodati;

2. Illi l-ammont dovut lis-socjeta` *de quo* mill-bastiment in dizamina allura hu debitament ipprovat u hu ammont cert, likwidu u dovut;

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-bastiment intimat fuq indikat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fuq riferita fl-ammont globali ta' tnax –il elf, hames mija u disgha u sittin Ewro, u hamsa u sittin centezmu, (€12,569.65), ghall-provvisti ghall-ekwipagg;

3. Tikkundanna lill-bastiment intimat *de quo* biex ghar-ragunijiet fuq sintetikament esposti, ihallas lis-socjeta` rikorrenti is-somma likwidata fil-paragrafu precedenti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi kontra l-bastiment intimat mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, (is-26 t'April, 2013).

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------